MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2005

Appell Civili Numru. 1396/2001/1

**L. T. f'isimha proprio u bhala kuratrici ta' bintha minuri Y.**

**v.**

**J. T.**

**Il-Qorti:**

**I PRELIMINARI**

1. Fil-31 ta' Lulju 2001, L. T. ("l-attrici/l-appellata") ipprezentat att tac-citazzjoni kontra r-ragel taghha J. T. ("il-konvenut/l-appellant") quddiem l-Onorabbli Qorti Civili, Prim Awla, li bih talbet *inter alia* li dik il-Qorti tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti, li z-zwieg

bejniethom kien tkisser minhabba eccessi, minacci, mohqrija, theddid u minhabba li l-hajja flimkien m'ghadhiex aktar possibbli u b'hekk iz-zwieg tkisser irremedjabilment, liema ragunijiet huma imputabbli lill-konvenut. Hija talbet ukoll li l-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallas manteniment ghaliha u ghal bintha minuri li jisimha Y., kif ukoll li l-Qorti takkorda lill-attrici l-kura u l-kustodja ta' l-istess tifla minuri.

2. Il-konvenut ikkontesta l-kawza billi eccepixxa li t-talbiet ta' l-attrici ghandhom jigu respinti billi z-zwieg bejn il-partijiet kien tkisser irredjabilment minhabba ragunijiet imputabbli lill-attrici.

3. B'digriet tat-22 ta' Awissu 2003, u b'digriet iehor li jinsab a fol. 89 tal-process, l-ewwel Onorabbli Qorti laqghet it-talba ta' l-attrici biex jizdiedu zewg talbiet ohra fl-att tac-citazzjoni, u dan sabiex il-Qorti tkun tista' tiddikjara xjolta l-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess komunjoni u, taqsamha f'zewg porzjonijiet u tassenja wahda lill-attrici u l-ohra lill-konvenut. It-talba l-ohra kienet tirreferi ghall-konsenja lura lill-attrici ta' dawk l-oggetti parafernali kollha inkluzi flus u fin-nuqqas il-konvenut jigi ikkundannat ihallas il-valur taghhom okkorrendo permezz ta' periti nominandi.

4. Wara li l-ewwel Qorti semghet ix-xiehda kollha li ressqu l-partijiet u semghet id-difensuri taghhom, dik il-Qorti ippronunzjat is-sentenza taghha fl-udjenza tat-2 ta' Ottubru, 2003. Is-sentenza tikkonkludi hekk:
"Illi ghalhekk din il-Qorti ghal dawn il-motivi qeghda **taqta' u tiddeciedi** din il-kawza billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut in kwantu l-istess huma b'xi mod inkompattibbli ma' dak hawn deciz, **tichad il-hames talba attrici u tilqa' t-talbiet attrici l-ohra** u dan biss fis-sens hawn premess, u dan billi:-

1. Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi fl-ewwel lok tippronunzja l-firda personali bejn il-kontendenti principalment minhabba tortijiet imputabbli lill-konvenut konsistenti f'minacci, eccessi, mohqrija u sevizzi, li kawza ta' l-istess iz-zwieg tkisser irremedjabbilment, u *in linea*

sussidjarja minhabba l-agir ta' l-attrici konsistenti f'ingurji gravi fil-konfront ta' l-istess konvenut, b'dan li z-zwieg tkisser irremedjabbilment.

2. Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara li l-konvenut iddekada mid-drittijiet tieghu ghar-ragunijiet fuq indikati u ghalhekk ghandu jitlef a bazi ta' l-istess Kodici Civili, l-jeddijiet imsemmijin fl-**artikoli 631, 633, 825, 826 u 827** kif li ukoll dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-ohra b'donazzjoni bi hsieb taz-zwieg, jew waqt iz-zwieg, jew taht titolu iehor gratwit u in generali li din il-Qorti tapplika fil-konfront tal-konvenut id-dispozizzjoni ta' l-**artikoli 52 u 48 tal-Kap 16;** illi l-Qorti fil-konfront ta' l-attrici qed tapplika d-dispozizzjonijiet ta' l-**artikolu 48 (1) (a) tal-Kap 16.**

3. Tilqa' t-tielet talba u tordna lill-konvenut sabiex ihallas l-ammont ta' mitt lira Maltija (Lm100) fix-xahar bhala manteniment ghall-istess attrici u l-minuri, b'dan li mill-istess ammont globali fuq iffissat l-ammont ta' tletin lira Maltija (Lm30) qed jigi ffisat bhala manteniment ghall-attrici, u s-somma ta' sebghin lira Maltija (Lm70) qed jigi ffissat bhala manteniment tal-minuri, liema ammonti ghandhom jizdiedu skond l-indici ta' l-gholi tal-hajja, f'kull perjodu ta' tliet (3) snin, b'effett mid-data ta' din is-sentenza w tordna wkoll li l-istess manteniment ghandu jitnaqqas direttament mill-paga tal-konvenut mill-*employer* tieghu u jintbaghat direttament mill-*employer* lill-attrici fir-residenza taghha u ghal dan l-iskop tordna lill-attrici sabiex tinnotifika dan id-digriet lill-istess *employer* tal-konvenut, tali notifika a spejjez taghha.

4.Tilqa' r-raba' talba u takkorda l-kura u l-kustodja tal-minuri Y. T. lill-attrici b'dan illi qed taghti dritt ta' access lill-konvenut ghall-imsemmija minuri skond is-segwenti:-

a) Nhar ta' Tnejn bejn il-5.30p.m. u s-7.30p.m.

b) Nhar ta' Hamis bejn il-5.30p.m. u s-7.30p.m.

c) Fil-*weekend*, alternattivament mit-3.00p.m. tal-Gimgha sas-7.00p.m. is-Sibt u l-weekend l-iehor mis-2.00p.m. tas-Sibt sas-7.00p.m. tal-Hadd.

5.Tichad din it-talba *stante* li ma taghmilx sens kif miktuba u ma tapplikax ghall-kaz odjern.

6.Tilqa` s-sitt talba u tiddjara xolta l-komunjoni ta’ l-akkwisti u dan b’effett mid-data ta’ din is-sentenza.

Illi fl-istess waqt tipprovdi ghad-divizjoni u assenjazzjoni ta’ l-istess b’dan ghalhekk li mill-istess komunjoni ta’ l-akkwisti l-attrici qed tigi assenjata bhala sehemha mill-komunjoni ta’ l-akkwisti bejn il-partijiet l-karozza Lada, *sitting room, wall unit* u *mejda, freezer, automatic washing macine, twin tub washing machine, television* mill-kbar, *television* zghir, *video recorder, playstation, big ceramic fountain, big ceramic chinese statue*, nofs il-*kitchen appliances*, *full encyclopedia, computer, spare bedroom complete, satellite, video camera, electric heater, hoover, CD player*, id-deheb, *wallclock, electric blanket*, u *frames*, u b’dan li l-konvenut ghandu jhallas lill-attrici is-somma ta’ elfejn lira Maltija (Lm2,000) ghal darba wahda biss.

Illi min-naha l-ohra l-konvenut qed jigi assenjat bhala sehemu mill-komunjoni ta’ l-akkwisti, il-karozza Fiesta, 3 *ceiling fans*, 3 linef, 2 *air conditioners*, *Hi-Fi System with Dolby surround*, kcina tal-kewba, *television* kbir (l-iktar antik mit-tnejn), *video recorder, vertical blinds, netting rolling blinds*, nofs il-*kitchen appliances, rails* u *curtains*, burduri ta’ l-art u saqaf, ghodda, *cordless phone, mobile* u *intercom, aluminium* tat-tarag, faccata u parapett tal-fil, u *shower* u wkoll kull dejn li jista’ jkun hemm fuq l-istess oggetti hawn lilu assenjati.

Illi l-kontendenti permezz tal-verbal tas-6 ta’ Frar 2003 qablu li d-dar matrimonjali hija proprjeta` parafernali tar-ragel u ghalhekk din ghandha tibqa’ proprjeta’ esklussiva ta’ l-istess l-konvenut, b’dan pero’ li l-istess konvenut qed jigi kkundannat sabiex ihallas lill-attrici s-somma ta’ tlett elef, mija u sitt liri Maltin (Lm3,106) ghal darba wahda biss rapprezentanti spejjez li l-attrici nkorriet fl-istess fond qabel iz-zwieg u dan konsistenti fl-oggetti u xogholijiet elenkati f’Dok. “X” a fol. 21 tal-process konsistenti *f’kitchen tiles, floor tiles, floor polish*, tqieghed ta’ madum,

bieb ta' barra, *aluminium works*, kcina (li ser tibqa' fl-istess fond) u bibien interni li kollha baqghu fil-post ta' l-istess konvenut.

7. Illi dwar is-sebgha (7) talba, din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut sabiex jikkonsenja lill-attrici bhala beni parafernali taghha, l-oggetti l-ohra kollha ndikati fl-istess lista u cjoe' *magimix*, *microwave*, il-borom u s-settijiet ta' l-ikel hemm indikati, salott, *main bedroom* u *study room* u dan ghandu jsir fi zmien tletin (30) gurnata mid-data ta' din is-sentenza. Fin-nuqqas, tordna lill-konvenut sabiex ihallas il-valur ta' l-istess oggetti, li ma jigux ikkonsenjati lill-attrici fit-terminu prefiss, tali valur stabbilit, skond il-lista esebita mill-attrici fil-atti processwali.

Bl-ispejjez jithallsu kwantu ghal kwart (1/4) mill-attrici u kwantu ghal tlieta minn erbgha (3/4) parti mill-konvenut."

Ghall-kompletezza kopja shiha ta' din is-sentenza moghtija mill-Ewwel Qorti fit-2 ta' Ottubru 2003, qeghda tigi annessa bhala appendici ma' l-odjerna sentenza biex tifforma parti integrali minnha. Dan qed isir billi din is-sentenza tirriproduci testwalment it-talbiet kollha ta' l-attrici kontenuti fl-att tac-citazzjoni kif ukoll l-eccezzjonijiet li qajjem il-konvenut, riassunt tal-provi kollha li ipproducew il-partijiet kif ukoll l-apprezzament li ghamlet dik il-Qorti fuqhom u l-konsiderazzjonijiet l-ohra kollha li ghamlet dik l-ewwel Qorti biex waslet ghall-konkluzjoni taghha riportata fil-paragrafu precedenti.

**<u>II L-APPELL</u>**

5. Il-konvenut J. T. hass ruhu aggravat minn din is-sentenza, kif jirrizulta mir-rikors ta' l-appell ipprezentat fit-22 ta' Ottubru 2003, quddiem din il-Qorti, li fih jispjega l-aggravji tieghu. L-appellant talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn cahdet il-hames talba ta' l-attrici izda thassarha u tirrevokaha kwantu ghad-domandi l-ohra, inkluz il-kap ta' l-ispejjez.

6. L-attrici L. T. ikkontestat l-appell permezz ta' risposta ta' l-appell li hija ipprezentat fid-9 ta' Frar, 2004. Hemmhekk hija irribattiet dak li qal l-appellant fir-rikors ta' l-appell tieghu u talbet li din il-Qorti joghgobha tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjez kontra l-appellant.

7. Id-difensuri tal-partijiet trattaw l-appell, fil-prezenza tal-kontendenti, fis-seduta li din il-Qorti zammet fl-20 ta' Ottubru, 2004.

**III KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI**

8. Il-kontendenti zzewgu fid-9 ta' Ottubru, 1993. Huma ghandhom tifla li jisimha Y. li twieldet fl-1 ta' Dicembru 1995, u li ghalhekk illum ghandha 9 snin maghluqa. L-attrici ghandha l-kustodja ta' din it-tifla minuri u l-konvenut ghandu access shih ghaliha. Jirrizulta li wara ftit ta' zmien li twieldet din il-minuri, l-attrici zviluppat il-marda tal-Multiple Sclerosis. Kif jigri ta' spiss f'kawzi bhal dawn, il-kontendenti qed jatribwixxu t-tkissir taz-zwieg reciprokament. Il-kontendenti ma tantx ressqu provi, infatti barra x-xiehda taghhom stess, l-attrici ressqet lill-ommha A. O., u l-konvenut ressaq lil huh J. T., lill-martu J. kif ukoll lin-neputija, J. T.. Il-provi li ipproducew il-partijiet jinsabu sintetizzati fis-sentenza appellata u din il-Qorti ma thossx in-necessita` li tirrepeti dak li ntqal hemmhekk.

9. L-appellant qieghed jikkritika s-sentenza appellata ghaliex qieghed jallega li din m'ghamlitx apprezzament gust tal-provi. Inoltre qed jikkritika li d-divizjoni ta' l-assi tal-komunjoni ta' l-akkwisti u dawk parafernali li ghamlet l-ewwel Qorti u l-*quantum* tal-manteniment li tat u dwar il-kap ta' l-ispejjez tal-kawza.

10. Fl-ewwel aggravju tieghu l-appellant jghid li l-ewwel Qorti zbaljat li inkludiet is-segwenti oggett fil-komunjoni ta' l-akkwisti: *automatic washing machine, television* zghir, *video recorder, full encyclopedia, electric heater, hoover*, parti sew mid-deheb, u *electric blanket*. L-appellant jallega li dawn l-oggetti kollha ma kienux jappartjenu lill-komunjoni ta' l-akkwisti izda kienu kollha oggetti parafernali appartanenti lill-appellant. Ikkritika s-sentenza

appellata wkoll ghaliex huwa jghid li s-segwenti oggetti ma kienux jappartjenu, kif qalet l-ewwel Qorti, lill-assi parafernali ta' l-attrici, izda dawn kienu, kollha kemm huma, jappartjenu lill-komunjoni ta' l-akkwisti: *Magimix*, *microwave*, il-borom, settijiet ta' l-ikel, salott u *study room*.

11. Din il-Qorti ezaminat akkuratament il-provi akkwiziti fil-process u ma tara l-ebda raguni sejra jew gravi li tinklinaha li tiddisturba id-diskrezzjoni li wzat l-ewwel Qorti fl-apprezzament tal-provi relativi. Il-principju legali li japplika dawn ic-cirkostanzi, li gie kemm-il darba enuncjat mill-Qrati taghna, huwa li din il-Qorti ta' revizjoni bhala norma generali ma tiddisturbax id-diskrezzjoni li tezercita l-Qorti li tkun semghet il-provi ghar-rigward ta' l-apprezzament tar-rilevanza ta' l-istess provi. Biex dan isir iridu jirrikorru ragunijiet gravi u serji u li jkunu fuq kollox impellenti. Din il-Qorti ma thossx li ghandha ghalfejn tikkummenta aktar hlief li tghid li kienet l-attrici appellata li ipprovdiet numru ta' ricevuti in sostenn ta' l-allegazzjonijiet taghha dwar il-beni formanti parti l-komunjoni u dawk parafernali u allura dan l-aggravju ta' l-appellant ma jistax jintlaqa'.

12. Bit-tieni aggravju tieghu, l-appellant jillamenta hekk:
"Li hemm dejn fuq il-kcina tal-kewba msemmija fis-sentenza (ara pagna 19, para. 2) li l-Qorti hija konxja li dan huwa wiehed komuni u li kien jinkludi affarijiet ohra u li l-attrici taf li hemm dejn ta' dghajsa li mid-dhul taghha hija diga' hadet elf u hames mitt Lira Maltija (LM1,500)."

Din il-Qorti tikkonfessa li kif inhu redatt dan l-aggravju ftit li xejn jista' jinftiehem. Pero`, jista' jinghad li fir-rigward tal-kcina tal-kewba, jirrizulta li l-ewwel Qorti assenjat din il-kcina interament lill-konvenut u ghalhekk assenjat ukoll id-dejn li baqa' fuq l-istess kcina lill-konvenut appellant. L-ewwel Onorabbli Qorti ghamlet dan fil-kontest ta' l-assjem kollu ta' l-akkwisti u ghalhekk, fl-istat tal-provi li huma akkwiziti ghall-process, din il-Qorti ma tarax li ghandha tiddisturba id-diskrezzjoni li wzat l-ewwel Onorabbli Qorti fl-apprezzament tal-provi relattivi u fl-assenjazzjoni li ghamlet.

13. L-appellant, fit-tielet lok, jikkritika s-sentenza appellata ghaliex din wara li ghamlet id-divizjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisiti u ghamlet l-assenjazzjonijiet relativi ordnat lill-konvenut li jhallas lill-attrici s-somma ta' elfejn Lira Maltija (LM2,000) ghal darba wahda biss. L-appellant jallega li ma kienx hemm raguni ghal dak il-provvediment, u jkompli hekk:
"meta mill-apprezzament tal-provi hemm bizzejjed provi u aktar li gew anke skoperti wara din is-sentenza li kienet l-attrici li wasslet l-aktar sabiex dan iz-zwieg bejn il-partijiet jitkisser irrimedjabilment minhabba htijiet imputabbli lill-istess attrici kif anke addirittura irrimarkat l-istess Qorti fis-sentenza taghha[5] u li anke kellha tasal ghal adulterju min-naha taghha (l-attrici) qabel ma giet ipprezentata l-istess kawza u mhux wara li bl-onesta` kollha l-konvenut stqarr li ghandu habiba, sena wara li huwa dam jigri wara martu u cioe` l-attrici!"

14. Fir-risposta taghha l-appellata cahdet illi hija kellha xi relazzjoni jew ghamlet adulterju. Affermat ukoll li kien il-konvenut stess li ammetta li kellu relazzjoni ma' terza persuna. Jirrizulta li l-ewwel Onorabbli Qorti kellha quddiemha zewg verzjonijiet fuq din il-kwistjoni ta' l-allegat adulterju ta' l-appellata. L-ewwel Qorti sabet li l-adulterju ma giex ippruvat ghas-sodisfazzjon tal-ligi, pero` xorta wahda l-ewwel Qorti sabet ragunijiet bizzejjed sabiex hija tikkonkludi li f'dan il-kaz kienu jezistu l-estremi ta' ingurja gravi da parti ta' l-attrici fil-konfront tal-konvenut. Wara li din il-Qorti ezaminat il-provi li ipproducew il-partijiet, ghandu jinghad li l-ewwel Qorti setghet validament tiddeciedi hekk, billi ma hemm xejn legalment skorrett fil-konkluzjoni imsemmija ta' l-ewwel Qorti. Ghandu jinghad ukoll li din il-Qorti ma ssib xejn li huwa legalment skorrett li l-ewwel Qorti ordnat lill-konvenut li jhallas lill-attrici s-somma ta' elfejn lira ghal darba wahda biss bhala ekwiparazzjoni. Il-provi dwar il-valur ta' l-assi tal-komunjoni ta' l-akkwisti huma skarni hafna, u billi l-partijiet

---

[5] ara pagna 12 tas-sentenza, tielet para fejn il-Qorti qalet li "*...Illi pero` ghalkemm fl-opinjoni ta' din il-Qorti, l-adulterju ta' l-attrici ma giex ippruvat ghas-sodisfazzjon tal-ligi, pero` xorta wahda hemm ragunijiet bizzejjed sabiex din il-Qorti tikkonkludi li f'dan il-kaz jezistu l-estremi ta' ingurji gravi da parti ta' l-attrici fil-konfront tal-konvenut.*"

naqsu li jipprovdu pjan ta' qasma, l-ewwel Qorti iddecidiet li tghaddi ghad-divizjoni ta' komunjoni ta' l-akkwisti *arbitrio boni viri*. Anke f'dan ir-rigward din il-Qorti ma tarax li hemm xi raguni gravi biex hija tiddisturba id-diskrezzjoni wzata mill-ewwel Onorabbli Qorti. Ghalhekk anke dan l-aggravju ma jistax jintlaqa'.

15. Bir-raba' aggravju tieghu, l-appellant jikkritika s-sentenza appellata fejn din ipprovdiet manteniment allegatament qawwi lill-attrici, meta hija tahdem u huwa ghandu dhul minimu. Fl-istess aggravju huwa jillamenta li l-kura u l-kustodja tal-minuri kellha tkun kongunta bejn il-kontendenti. Huwa jispjega dan l-aggravju tieghu, b'dawn il-kliem:-
"li dwar il-manteniment dan thalla dak kif ordnat originarjament mis-Sekond Awla li huwa wiehed aqwwi meta l-Qorti ma haditx in konsiderazzjoni li l-attrici tahdem regolari u b'mod fiss mal-persuna li l-konvenut gab provi fil-konfront taghha dwar adulteru u cioe` A. B. u li l-manteniment ghandu jkun dak biss ghal bintu minuri u dan aktar meta l-istess attrici thalli ghal hafna hin lill-istess minuri ghandi terzi! U wkoll li d-dhul tal-konvenut huwa wiehed minimu. Dan ifisser li anke fil-kura u l-kustodja l-Qorti kellha tara li din ta' l-inqas tkun wahda kongunta."

16. L-appellata irribattiet dan l-aggravju ta' l-appellant, testwalment hekk:
"Illi ghar-rigward il-manteniment se mai maz-zmien dan ghandu jizdied u mhux jonqos u di piu` l-attrici tbati minn marda serja li hija l-Multiple Sclerosis li maz-zmien qeghda ssir aktar sejra u li l-ftit part-time li kienet taghmel issa ser ikollha tieqaf minhabba t-trattament qawwi illi qieghed ikollha tieghu regolarment."

17. Kif sewwa qalet l-ewwel Onorabbli Qorti, il-partijiet naqsu li jgibu prova dwar l-introjtu rispettiv taghhom. L-ewwel Qorti korrettement fehmet illi z-zewg partijiet ghandhom xi forma ta' introjtu ghalkemm kien jidher car li dak tal-konvenut huwa fiss. F'dawk ic-cirkostanzi ghalhekk l-ewwel Qorti deherilha li kien applikabbli l-

provvediment li kienet tat l-Onorabbli Sekond Awla tal-Qorti Civili, meta ordnat lill-konvenut ihallas lill-attrici alimenti ta' tletin Lira Maltin (LM30) fix-xahar ghaliha u s-somma ulterjuri ta' sebghin Lira Maltin (LM70) fix-xahar bhala manteniment tal-minuri Y.. L-ewwel Onorabbli Qorti ziedet tghid li dan l-ammont ghandu jizdied skond l-indici ta' l-gholi tal-hajja kull tlett snin b'effett mid-data tas-sentenza u li l-istess manteniment ghandu jitnaqqas direttament mill-paga tal-konvenut mill-*employer* tieghu, u li dan ghandu jibghat lill-attrici fir-residenza taghha l-istess manteniment. Wara li din il-Qorti qieset sewwa ic-cirkostanzi kollha relevanti kollha tal-kaz, jidhrilha li l-ewwel Onorabbli Qorti kienet sostanzjalment gusta fil-likwidazzjoni u l-kundanna tal-hlas tal-manteniment fuq imsemmi li hija ghamlet kif ukoll fl-ordnijiet relattivi li tat. L-istess haga ghandha tinghad fir-rigward tal-provvediment li ghamlet l-ewwel Qorti meta hija assenjat il-kura u l-kustodja tal-minuri eskulssivament lill-attrici.

18. L-ahhar aggravju ta' l-appellant jikkoncerna l-kap ta' l-ispejjez. L-appellant jghid li dawn l-ispejjez kellhom ikunu kollha a karigu ta' l-attrici billi kienet l-istess attrici l-aktar li wasslet biex dan iz-zwieg jitkisser b'mod irrimedjabbli.

19. Minn dak li ntqal precedentement f'din is-sentenza, jirrizulta car li dan l-aggravju huwa kompletament infondat. Din il-Qorti tikkondividi l-konkluzjoni ta' l-ewwel Qorti li z-zwieg bejn il-kontendenti tfarrak principlament minhabba tortijiet imputabbli lill-konvenut, u ghalhekk huwa gust li huwa jbati l-parti l-kbira ta' l-ispejjez – ezattament kif ipprovdiet l-ewwel Onorabbli Qorti fis-sentenza appellata.

20. Ghal dawn il-motivi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata ta' l-ewwel Onorabbli Qorti moghtija fit-2 ta' Ottubru 2003, fl-ismijiet premessi. L-ispejjez ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati kollha kemm huma mill-appellant J. T..

Deputat Registratur
Mgc

**APPENDICI**

Kopja ta' l-imsemmija sentenza ta' l-ewwel Onorabbli Qorti tat-2 ta' Ottubru 2003, qeghda tigi annessa ma' l-odjerna sentenza bhala appendici biex tifforma parti integrali minnha

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------